16 ta' Jannar, 1954

Imħallef:

Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Salvu Saliba

**Traffiku — Kolliżjoni — Sinjali — Negliġenza**

*Driver li jkun ser idawwar il-karrozza biex jidħol għal ġo trieq oħra biex jikser fuq il-lemin tiegħu, hu ħati ta' negliġenza jekk hu jagħmel dik il-manuvra mingħajr ma jagħmel sinjal lid-driver li jkun ġej warajh biex jurieh li hu ser jagħmel dik il-manuvra, u hekk jagħti lid-driver li jkun ġej warajh l-opportunità li jevita kolliżjoni. Jekk id-driver ta' quddiem jonqos li jagħmel dawk is-sinjali u ssir il-kolliżjoni, id-driver ta' quddiem huwa ħati kriminalment għal dik il-kolliżjoni avvolja d-driver ta' wara kien qed isuq bi speed qawwi u ma ppruvax jevita l-kolliżjoni.*

*Il-konsiderazzjonijiet li jirriflettu fuq il-ħtija tad-driver ta' wara ma jistgħux jinfluwixxu fuq ir-responsabilità kriminali tad-driver ta' quddiem; għalkemm f'sede ċivili dawk l-istess konsiderazzjonijiet jistgħu talvolta jinfluwixxu fis-sens li, forsi, l-ħsara kaġunata bil-kolliżjoni kienet tkun anqas qawwija.*

Fuq l-imputazzjoni illi, minħabba nuqqas ta' għaqal, bi traskuraġni u inosservanza ta' regolamenti, waqt li kien qed isuq motor van minn Mosta Road lejn il-Mosta, ħabat ma' motor-car nru. 13742 u għamlilha ħsara għad-dannu ta' George Pace, u għamel ħsara fil-van li kien qed isuq għad-dannu ta' John Muscat, l-imsemmi Saliba, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-26 ta' Ottubru 1953, instab ħati, iżda ġie liberat kondizzjonalment taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 23 Kap. 12;

L-imputat appella kontra din id-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi akkwiżiti għall-proċess il-Qorti hi soddisfatta illi l-appellant dar lejn il-lemin bla ma ta pre-avviż b'idu jew bit-"Traffic Indicator", u ssorprenda lil Pace, li kien qiegħed isuq il-car warajh fl-istess direzzjoni. Jingħad korrettament fit-testi in materja (para. 85 Trial of Motor Car Accident Cases—Gibbs) dan li ġej:— "A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence if he turns his car to the right across the path of a vehicle approaching from the rear, without giving any signal of his intention to turn, thus making it impossible for the driver of the rear vehicle to avoid a collision";

Milli jidher, id-driver tal-karozza ta' wara, Pace, kien qed isuq bi speed qawwi, għax irriżulta li, wara l-ħabta, u non ostante li din il-ħabta bilfors kisritlu xi ftit il-"momentum", speċjalment billi dawwret il-van misjuq mill-imputat (ara sketch fol. 3), Pace baqa' sejjer għal distanza ta' 114 il-pied (ara Surġent Zammit kontro-eżami). Hu ukoll stran li Pace ma applikax il-brakes biex jipprova jevita l-kolliżjoni; hu qal li applikahom, iżda s-Surġent Zammit ma sab ebda brake-marks fuq il-post, u sab biss it-tyre-marks tal-car ta' Pace għal dik id-distanza (ara tieni xhieda tiegħu). Hu anki ta' min jinnota li, skond ix-xhieda tas-Surġent Bulagjar u tax-xhud Ġorġ Cassar, iż-żewġ drivers kienu qegħdin jiftiehmu li jaqsmu l-ispejjeż. Però ma jidherx li dawn il-konsiderazzjonijiet jistgħu jinfluwixxu fuq ir-responsabilità in linea "kriminali" tal-appellant, għaliex kien hu li bil-manuvra tiegħu inkonsulta ġieb il-kolliżjoni, għalkemm f'sede ċivili, talvolta, dawk l-istess konsiderazzjonijiet jistgħu jinfluwixxu fis-sens li forsi, kieku Pace kellu aktar kontroll tal-car, u kien qed isuq bi speed aktar moderat u applika l-brakes, il-ħsara kienet tkun iżgħar minħabba li l-kolliżjoni ma kienetx tkun daqshekk qawwija;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.